MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 2802/1996/1

**Perit Arkitett u Inginier Civili Renato Laferla**

**v.**

**Louis Kirkop**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

**1.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mill-vertenza bejn il-partijiet f'zewg stadji: b'sentenza preliminari tas-26 ta' Gunju, 2005 meta cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut billi ddikjaratha bhala mhux misthoqqa fid-dritt u ddikjarat li l-azzjoni attrici hija msejsa fuq principji tajba li kellhom jirregolaw il-qaghda li nholqot wara li ntemmet ir-

rabta professjonali bejn l-attur u l-imharrek. Fl-istess sentenza dik il-Qorti ghaddiet biex hatret, a spejjez provvizorjament tal-attur, lill-Perit Arkitett David C. Pace bhala perit tekniku ghal finijiet tal-ewwel talba attrici billi dan jaghmel ezami tal-konteggi u likwidazzjoni tad-dritt spettanti lill-attur fil-qafas tal-imsemmija inkarigi professjonali u ddiferiet il-kawza ghar-rapport b'dan li l-ispejjez tal-kawza jigu meqjusa mal-ghoti tas-sentenza finali.

**2.** L-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni preliminari taghha wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Illi l-konvenut kien nkariga lill-attur sabiex jagħmillu l-proġetazzjoni ta' bini fuq fejn kien hemm post antik li kien qed jaqa' f'Numru 323 Main Street, Ħaż-Żebbuġ u sussegwentement jottjenilu l-permess neċessarju mill-Awtorita` tal-Ippjanar (li fiż-żmien meta saret l-applikazzjoni kienet l-PAPB) u fiddiriġilu u jissorveljalu l-eventwali kostruzzjoni fit-totalita` tagħha;

"Illi l-istess attur għamel ix-xogħol ta' proġettazzjoni kollu rikjest u ottjenji lill-konvenut l-permess mill-ġia` msemmija Awtorita` tal-Ippjanar rekanti Numru 768/92 datat 7 ta' Jannar 1992 li bih setgħu jinbnew fuq is-sit msemmi, garaxxijiet kbar fil-kantina u fis-sular tal-art u żewġ appartamenti fis-sular ta' fuq *(first floor)* bil-kmamar tal-ħasil tagħhom u aċċess għall-bejt fis-sular għal dan sovrastanti;

"Illi tali xogħlijiet nbdew u twasslu sat-tisqif tal-parti l-kbira tas-sular tal-art pero` twaqqfu f'dan l-istadju għax għal diversi raġunijiet kellhom isiru xi tibdiliet li l-impjegati tal-Awtorita` tal-Ippjanar għal xi raġunijiet tagħhom qed iġibuha b'diffiċili li japprovaw;

"Illi l-konvenut kien inkariga wkoll lill-istess attur sabiex jagħmillu proġettazzjoni ta' bini fuq fejn l-istess konvenut kellu f'idejh garaxx antik f'Numru 337 fl-istess triq u sussegwentement jottjenilu l-permess meħtieġ mill-

Awtorita` tal-Ippjanar u jiddiriġielu u jissorveljalu l-eventwali kostruzzjoni fit-totalita` tagħha;

"Illi l-istess attur għamel ix-xogħol ta' proġetazzjoni minnu rikjest għal dan il-għan u ottjena għall-konvenut l-permess mill-istess Awtorita` rekanti Numru 2321/94 datat 13 ta' Lulju 1994 li bih seta' jinbena fuq s-sit l-aħħar msemmi garaxx ġdid flok il-qadim fis-sular tal-art b'fuq u fis-sular ta' fuq appartament wieħed b'kamra tal-ħasil u aċċess għall-bejt f'sular ieħor sovrastanti;

"Illi tali xogħlijiet nbdew billi sar ftit ħatt mill-bini l-qadim;

"Illi l-konvenut u l-attur ftehmu illi l-ħsieb inizjali kellu jiġi modifikat biex flok l-appartament fuq isir kollu sala waħda għall-lezzjonijiet taż-żfin;

"Illi b'ittra reġistrat datata 9 ta' Settembru 1996, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument RLF 1, l-attur abbanduna ż-żewġ bċejjeċ xogħol fuq deskritti, nnotifika lill-konvenut b'tali abbandun u talbu jħallsu s-somma ta' tlett elef mitejn u tnejn u ħamsin Liri Maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm3,252.65) bħala bilanċ ta' drittijiet professjonali u spejjeż lilu dovuti sussegwenti għal tali abbandun;

"Illi l-konvenut baqa' inadempjenti u għalhekk l-istess konvenut għadu debitur lejn l-attur għal fuq imsemmija somma jew somma verjuri oħra li trid tiġi likwidita minn din l-Onorabbli Qorti;

"Għaldaqstant l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

"1. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur bħala drittijiet professjonali tal-istess attur u spejjeż inkorsi mill-istess attur fl-interess tal-istess konvenut u dan okkorendo b'nomina ta' periti nominandi;

"2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur il-bilanċ li jirriżulta dovut mill-ammont hekk likwidat.

"Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat tas-Sekwestru Numru 4616/96 ppreżentat fis-16 ta' Settembru 1996 kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

"Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xhieda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

"Rat in-Nota mressqa fit-18 ta' Ġunju, 1997, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

"Illi t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet:

"1. Qabel xejn kien hemm ftehim espress li l-ħlas tad-drittijiet professjonali tal-attur għax-xogħol ta' perit kellu jkun dak ta' erba' mitt Lira (Lm400), somma li ġa` ġiet imħallsa lill-attur mill-eċċipjent;

"2. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont illum pretiż mill-attur huwa ferm inqas minn dak pretiż minnu ftit qabel ma abbanduna il-proġett, u fi kwalunkwe każ ukoll huwa eċċessiv;

"Salvi eċċezzjonijiet oħra.

- - Omissis - -

"Ikkunsidrat:

"Illi din hija azzjoni għal likwidazzjoni u ħlas ta' drittijiet professjonali. L-attur huwa perit arkitett. Huwa kien imqabbad mill-imħarrek biex ifassal binja ġdida minflok post li kellu jitwaqqa', u kif ukoll li japplika għall-permessi relattivi dwar il-binja l-ġdida. Aktar 'il quddiem, l-imħarrek talab lill-attur jagħmel l-istess tfassil f'bini ieħor tiegħu fl-istess triq u li wkoll japplika għall-permessi għall-iżvilupp. Kien sar ftehim dwar il-ħlas taż-żewġ operazzjonijiet, iżda nqalgħu intoppi bejn l-attur u l-imħarrek u l-attur bagħat javża lill-imħarrek li ma kienx ser jkompli jaħdimlu. L-attur irid il-ħlas tax-xogħol tiegħu, meqjus skond it-Tariffa partikolari għal każi bħal tiegħu;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li dwar il-ħlas kien hemm ftehim u hu ħallas kulma kien dovut skond dak il-ftehim. Żied jgħid ukoll li dak li qed jippretendi l-attur huwa eżaġerat;

"Illi l-fatti ewlenin li jsawru l-każ jibdew għall-ħabta ta' Lulju tal-1991, meta l-imħarrek mar ikellem lill-attur u talbu dwar ix-xogħol li kellu fi ħsiebu dwar post bin-numru 323[1], Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ. Wara li l-attur kien żar il-post f'Awwissu, f'dak l-istess xahar kien bagħat lill-imħarrek sensiela ta' pjanti dwar il-bini l-ġdid li kellu jittella' wara li jitwaqqa' l-post imsemmi[2], u f'Jannar tal-1992[3], l-attur bagħat lill-imħarrek l-istima ta' kemm kien maħsub li jiġi jiswa l-proġett jekk jinbena kollu. L-attur u l-imħarrek qablu li l-ħlas professjonali lill-attur għal dan il-proġett kellu jkun ta' erba' mitt Lira Maltija (Lm400). L-applikazzjoni għall-iżvilupp tas-sit tressqet fi Frar tal-1992, iżda ma ntlaqgħetx għaliex ma kienitx taqbel ma' restrizzjoni ta' għoli ta' bini f'dawk l-inħawi[4]. L-attur ħejja pjanti oħrajn li ntbagħtu f'Novembru tal-1992[5]. Permess għall-iżvilupp ta' dak is-sit inħareġ f'Jannar tal-1994[6], u ngħata l-avviż lill-Awtorita` li x-xogħol kellu jinbeda fis-6 ta' Jannar, 1995[7];

"Illi f'Diċembru tal-1993, l-imħarrek qabbad lill-attur biex jippjanalu proġett ta' żvilupp fil-fond bin-numru 337, Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ. Għal dan ix-xogħol, kien hemm ftehim li l-attur jitħallas dritt ta' mija u ħamsin Lira Maltija (Lm150). L-imħarrek qabel mal-proġett propost, wara li saret l-applikazzjoni mal-Awtorita` għall-ħruġ tal-permessi, ingħata l-permess għall-iżvilupp fit-13 ta' Lulju, 1994[8];

"Illi għal raġuni jew oħra, wara li nbeda x-xogħol fuq is-sit numru 323, l-imħarrek talab bdil fix-xejra tal-bini li kellu jittella', u minbarra dan, kellhom isiru xogħlijiet oħrajn ta'

[1] Fid-dokumentazzjoni mressqa, dan il-fond jissemma wkoll bħala numru 10, Triq il-Kbira
[2] Dokti. "RLF1" sa "RLF7", f'paġġ. 32-9 tal-proċess.
[3] Dok "RLF8", f'paġġ. 40-3 tal-proċess
[4] Dok "RLF12", f'paġ. 47 tal-proċess
[5] Dok "RLF16", f'paġ. 52 tal-proċess
[6] Dok "RLF18", f'paġġ. 54-5 tal-proċess
[7] Dok "RLF19", f'paġ. 59 tal-proċess
[8] Dok "RLF28", f'paġġ. 84-5 tal-proċess

tisħiħ tal-bini minħabba s-sejba ta' bir u minħabba l-kundizzjoni tal-ħitan tal-appoġġ taż-żewġ fondi li jmissu mas-sit. L-attur baqa' jissorvelja x-xogħol li kien għaddej u kif mibdul, u kif ukoll iżomm kuntatt mal-Awtorita` dwar dak li kien propost li jsir. F'Lulju tal-1996[9], l-Awtorita` ħarġet Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq dwar ix-xogħol fuq is-sit. B'ittra datata 9 ta' Settembru, 1996[10], l-attur bagħat jgħarraf lill-imħarrek li ma kienx ser jibqa' jaħdimlu aktar u talbu jħallas ammont hemm imfisser. L-attur jgħid li b'kollox tħallas ħames mija u ħamsin Lira Maltin (Lm550)[11], għalkemm aktar tard[12] jidher li jistqarr li kien tħallas mitejn u disgħa u disgħin Lira (Lm299) oħra wara li kien bagħat kont ieħor f'Awwissu tal-1996[13], ftit jiem qabel ma kien temm l-inkarigu. Ġimgħa wara, l-attur talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-imħarrek. Il-kawża nfetħet fis-26 ta' Settembru, 1996;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, irid jingħad li filwaqt li l-imħarrek jibni l-każ tiegħu fuq l-eżistenza ta' ftehim li kien intlaħaq mal-attur u li kien jorbot lill-partijiet, l-attur – filwaqt li ma jiċħadx li kien hemm ftehim – isejjes l-azzjoni tiegħu fuq il-fatt li r-rabta professjonali bejnu u l-imħarrek inħallet meta x-xogħol li kien tqabbad jissorvelja ma kienx għadu ntemm. B'dan il-mod, inħolqu bejn il-partijiet żewġ kwistjonijiet li jaħbtu ras ma' ras. Min-naħa tal-attur, huwa jgħid li, ladarba r-rabta professjonali bejnu u l-imħarrek intemmet bl-abbandun, kien jistħoqqlu jitlob ħlas tax-xogħol li laħaq ta lill-istess imħarrek lil hinn mill-prezz miftiehem. Min-naħa tal-imħarrek, jgħid li dan ħallas lill-perit dak li kien miftiehem u ma għandux x'iħallas aktar (anzi, l-imħarrek jimplika li, minħabba n-nuqqasijiet li jixli bihom lill-attur, dan għandu saħansitra jrodd lura xi ħlasijiet żejda li rċieva bla mistħoqq u taħt pressjoni);

"Illi l-imħarrek iressaq sensiela ta' argumenti siewja dwar x'inhuma l-effetti ta' ftehim milħuq bejn żewġ partijiet jew aktar u li fih jintrabtu b'obbligi reċiproki, fosthom ir-regola li

[9] Dok "RLF25", f'paġ. 81 tal-proċess
[10] Dok "RLF27", f'paġ. 83 tal-proċess
[11] Dokti "RLF30", "RLF36", "RLF39" u "RLF41", f'paġġ. 89, 107, 111 u 114 tal-proċess
[12] Par 02 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, f'paġ. 269 tal-proċess
[13] Dok f'paġ. 91 tal-proċess

ftehim għandu jitwettaq *(pacta sunt servanda)* u li l-kuntratti għandhom jitwettqu bil-*bona fidi*. Fuq kollox, jisħaq li l-ebda parti ma tista' minn jeddha u waħedha taqbad u tibdel ir-rabtiet kuntrattwali tagħha;

"Illi l-Qorti ssib li ż-żewġ partijiet jaqblu li kien sar ftehim. Dan il-ftehim kien sar bil-fomm u kien sar f'żewġ fażijiet: Bl-ewwel wieħed jirreferi għall-iżvilupp fil-fond numru 323 u t-tieni wieħed jirreferi għall-iżvilupp fil-fond numru 337. Hemm qbil ukoll li l-ftehim dwar l-ewwel fond kellu jkun ta' ħlas ta' mitt Lira Maltija (Lm100) għal kull sular approvat, filwaqt li fil-każ tat-tieni fond il-ħlas kellu jkun ta' mija u ħamsin Lira Maltija (Lm150) ta' kollox. Hemm qbil li dawk il-ftehim kienu jinkludu kollox, fis-sens li d-dritt miftiehem bħala dovut lill-attur għall-prestazzjonijiet professjonali tiegħu kellhom ikopru kull fażi tal-proġetti, sat-tmiem tal-binja;

"Illi l-Qorti madankollu hija tal-fehma li, għalkemm il-prinċipji msemmija mill-imħarrek għandhom saħħa dottrinali ewlenija u huma ta' min jimxi fuqhom fit-tħaddim u t-tifsir xieraq tal-effetti tal-kuntratti, l-imħarrek naqas li jqis li l-ftehim li ntlaħaq bejnu u l-attur kien jiddependi minn relazzjoni professjonali fiduċjarja li taf taffettwa bis-sħiħ il-patti tal-ingaġġ oriġinali. Kemm hu hekk, l-ebda waħda mis-sentenzi msemmija minnu fin-Nota mirquma tiegħu ma tirrigwarda każ bħal dan li għandha quddiemha l-Qorti hawnhekk, iżda każijiet ta' kuntratti bilaterali jew sinallagmatiċi ordinarji;

"Illi huwa stabbilit li l-kuntratt li bih perit arkitett u klijent tiegħu jiftehmu li tal-ewwel jagħti s-servizzi professjonali tiegħu huwa kuntratt ta' kiri ta' xogħol u ta' industrija, liema kuntratt huwa suġġett għall-kundizzjoni riżoluttiva taċita bħal kull kuntratt bilaterali ieħor[14]. Dan ifisser li, meta kundizzjoni bħal dik isseħħ, l-obbligazzjoni tiġi maħlula u terġa' tqiegħed il-ħwejjeġ fil-qagħda bħallikieku l-obbligazzjoni ma kienet saret qatt[15]. Iżda dawn id-dispożizzjonijiet li jgħoddu għall-obbligazzjonijiet in

[14] App.Ċiv. **4.11.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Barbara vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (Kollez.Vol: **LXXI.i.214)**

[15] Art. 1066(1) tal-Kap 16

ġenerali jridu jittieħdu b'qies fil-qafas tal-kuntratt partikolari li jkun, u f'każ li l-kuntratt partikolari jkollu regoli li ma jaqblux mar-regola ġenerali, japplikaw ir-regoli tal-kuntratt partikolari[16];

"Illi l-Artikolu 1627 tal-Kodiċi Ċivili jagħmel applikabbli għall-kuntratt ta' kiri ta' xogħol u ta' industrija, fost l-oħrajn, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1570 tal-istess Kodiċi, liema artikolu jixbah ħafna dak li jitkellem dwar l-effetti tal-kundizzjoni riżoluttiva li sseħħ meta parti tonqos milli twettaq dak li ntrabtet mal-parti l-oħra li tagħmel;

"Illi l-liġi trid li meta sseħħ kundizzjoni riżolutiva – kemm espressa u kif ukoll taċita – għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjoni tagħha lejn il-parti l-oħra, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma ġietx eżegwita għandha jedd titlob il-kundanna tal-parti li naqsitha għall-ħlas tad-danni li tkun ġarrbet minħabba tali nuqqas[17]. Dan jimplika li l-obbligazzjoni tkun intemmet mhux għal raġuni tajba mid-debitur tal-istess obbligazzjoni u mhux mill-kreditur innifsu li jallega d-danni. Fil-każ fuq imsemmi ta' perit arkitett, tali danni – li jikkonsistu fix-xogħol li kien imqabbad jagħmel u li ma tkompliex – jikkostitwixxu l-*lucrum cessans* imġarrab minnu u li l-qies tagħhom jitkejjel skond l-imsemmija Tariffa;

"Illi huwa stabbilit li waqt li l-kriterji tal-imsemmija Tariffa jgħoddu għal dak ix-xogħol mitlub li ma jkunx laħaq sar, fil-każ tax-xogħol li twettaq qabel intemmet ir-rabta professjonali jibqgħu japplikaw ir-rati miftehma mal-klijent[18];

"Illi ladarba l-kundizzjoni riżoluttiva tkun ġiet fis-seħħ u ma jkunx għadu aktar fadal il-kuntratt biex jirregola l-partijiet, kull prestazzjoni li setgħet saret wara li jkun inħall dak il-kuntratt ma tkunx iżjed imkejla skond dak il-kuntratt, imma skond dawk il-kriterji li l-liġi tistabilixxi f'każijiet fejn ma jkunx hemm ftehim espress. Għalhekk, fil-każ ta' servizzi professjonali mwettqa minn periti arkitetti, fejn tali

[16] App. Ċiv. **23.11.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole et vs Grixti*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.515**)
[17] Art. 1069(2) tal-Kap 16
[18] P.A. DS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Alexander Beżżina et vs Joseph Mizzi et noe et***

prestazzjonijiet ma jkunux ġew espressament miftehma bejnhom u l-klijenti tagħhom, id-drittijiet jitqiesu kif stabbiliti fit-Tariffa “K” tal-iSkeda “A” mehmuża mal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili.  Iżda, fil-każ tagħhom u konformement mal-aspett fiduċjarju tar-relazzjoni professjonali, skond il-Paragrafu 11 tal-imsemmija tariffa, d-drittijiet hekk dovuti japplikaw kemm jekk il-klijent jabbanduna lill-perit u kif ukoll jekk il-perit jabbanduna l-klijent.  Fi kliem ieħor, jidher li, minħabba n-natura fiduċjarja tal-kuntratt bejn il-professjonista (l-perit arkitett) u l-klijent, il-kawża tal-kundizzjoni riżoluttiva konsistenti fin-nuqqas ta’ twettiq tal-obbligazzjoni ma tibqax rilevanti għall-finijiet tad-“danni” mġarrba u likwidabbli lill-parti professjonista f’dan il-kuntratt. Dan iwassal ukoll għal dak lil-imħarrek, mhux mingħajr raġuni, jilminta minnu fin-Nota tiegħu u jiġifieri li perit jista’, minn rajh u bla ħtija min-naħa tal-klijent, jiddeċiedi li jieqaf milli jagħti aktar servizzi professjonali lill-klijent tiegħu meta proġett ma jkunx għadu ntemm, u jippretendi l-ħlas tad-drittijiet tiegħu fuq il-bażi tal-imsemmi Paragrafu 11 xorta waħda u minkejja dak li seta’ kien miftiehem bejnu u l-klijent bħala ħlas ta’ onorarju;

“Illi l-Qorti hija tal-fehma li jidher li l-limitu waħdieni għall-applikazzjoni tal-imsemmija Tariffa f’ċirkostranzi tal-abbandun min-naħa jew mill-oħra huwa biss jekk jirriżulta li l-prestazzjonijiet li dwarhom il-perit arkitett jippretendi l-ħlas ikunu saru b’mod li manifestament iqarrqu bil-klijent (per eżempju, meta jitfassal xogħol li jkun kontra l-liġi fis-seħħ) jew ikun teknikament improponibbli mad-daqqa t’għajn għal min jifhem.  Dan jingħad b’applikazzjoni tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit*, li għalhekk ixejjen il-massima li *omnis labor optat proemium*, li fuqu jidher li jissejjes il-Paragrafu 11 tal-imsemmija Tariffa;

“Illi għalhekk, il-qari li jrid jingħata lill-kliem tal-imsemmi Paragrafu jwassal lill-Qorti għall-fehma li r-raġuni għaliex perit arkitett jagħżel li ma jibqax jaħdem aktar għall-klijent tiegħu ma tagħmel l-ebda bidla fuq id-dritt li jkun jista’ jitlob.  Fi kliem ieħor, ma jidhirx li wieħed jista’ jdur għall-kriterju ta’ xi “raġuni tajba u suffiċjenti” wara l-għażla tal-abbandun: u dan jgħodd kemm fir-rigward ta’ abbandun

mill-klijent u kif ukoll mill-perit innifsu. Jidher li dak il-Paragrafu jagħmel differenza biss fir-rigward tal-istat li jkun wasal fih ix-xogħol meta r-rabta professjonali tintemm. Fil-każ preżenti, il-Qorti tinnota li r-relazzjoni bejn l-attur u l-imħarrek ħadet xejra negattiva li, kulma jmur, bdiet tiżloq għall-agħar. Kull naħa tattribwixxi l-ħtija lin-naħa l-oħra. Madankollu, għall-finijiet ta' dan l-eżerċizzju, ma jidhirx li l-Qorti għandha għalfejn tidħol f'din il-kwistjoni. Li huwa ċar hu li, kemm l-imħarrek u kif l-attur waslu f'qagħda li jagħrfu li r-rabta professjonali (fiduċjarja) ta' bejniethom ma kellhiex futur. Kemm hu hekk, l-attur jisħaq li huwa telaq mill-inkarigu (jiġifieri, ma ġiex "imkeċċi"), filwaqt li l-imħarrek ipprova wkoll jikseb mingħand l-attur ir-rilaxx biex isib perit ieħor;

"Illi għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tasal għall-konklużjoni li l-bażi tal-azzjoni attriċi hija msejsa sewwa u l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek ma tidhirx mistħoqqa, u dan minħabba n-natura partikolari tar-relazzjoni professjonali li kien hemm bejn l-attur u l-imħarrek;

"Illi dwar it-talba għal-likwidazzjoni tal-kumpens dovut, din il-Qorti fliet b'reqqa x-xhieda u l-verżjonijiet taż-żewġ partijiet. Eżaminat ukoll id-dokumenti mressqa mill-attur biex jiġġustifika t-talba magħmula minnu ftit wara li ntemmet ir-rabta bejnu u l-imħarrek. Il-qagħda li toħroġ, ukoll minħabba t-teknikalita` (u l-potenzjalita` tagħha) hija waħda li l-Qorti ma tistax tieħu f'idejha mingħajr gwida aktar imdehna teknika, mingħajr ma tkun qegħda tipperikola li tasal f'konklużjonijiet li jġibu preġudizzju lil naħa jew lil oħra. Għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tippronunzja ruħha għalissa dwar it-talbiet attriċi, u sejra tgħaddi għall-ħatra ta' perit tekniku biex jevalwa l-provi mressqa u, fil-parametri ta' dak li qiegħed jiġi deċiż b'din is-sentenza, jasal għal likwidazzjoni ta' dak li jista' għadu dovut lill-attur, jekk tassew dan huwa l-każ;

"Illi dan qiegħed jingħad għaliex, matul is-snin kollha li l-kawża kienet qegħda tinstama' sakemm ġiet mgħoddija lil din il-Qorti kif issa presjeduta, ma kienet intalbet qatt (mill-ebda waħda mill-partijiet) il-ħatra ta' perit tekniku;"

**3.** Imbaghad, b'sentenza finali tas-7 ta' Frar, 2008 l-ewwel Qorti ddisponiet mit-talbiet attrici bil-mod segwenti:

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

"Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tillikwida l-ħlas dovut lill-attur għall-prestazzjonijiet professjonali tiegħu lill-imħarrek fis-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u sebgħin Euro u sebgħa u sebgħin (Euro) ċenteżmi (€6,676.77);

"Tilqa' t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €6,676.77 flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

"U tordna wkoll li l-imħarrek iħallas l-ispejjeż tal-kawża."

**4.** Din is-sentenza nghatat wara li l-Prim Awla ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Rat is-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju, 2005[19], li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imsemmijin, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek, u stabbiliet li l-attur kellu l-jedd li jitlob ħlas għall-pretensjonijiet tiegħu għall-prestazzjonijiet professjonali tiegħu lill-imħarrek, u, għall-finijiet tal-ewwel talba, ħatret lill-Perit Arkitett David Paċe biex jillikwida – skond il-kriterji stabbiliti fl-istess sentenza – il-bilanċ tad-dritt dovut lill-attur għall-imsemmija prestazzjonijiet, wara li jifli l-konteġġi magħmulin mill-attur u preżentati lill-imħarrek għall-ħlas;

- - Omissis - -

"Illi din hija azzjoni għal likwidazzjoni u ħlas ta' drittijiet professjonali. L-attur huwa perit arkitett. Huwa kien imqabbad mill-imħarrek biex ifassal binja ġdida minflok post li kellu jitwaqqa', u kif ukoll li japplika għall-permessi relattivi dwar il-binja l-ġdida. Aktar 'il quddiem, l-imħarrek talab lill-attur jagħmel l-istess tfassil f'bini ieħor tiegħu fl-

[19] Paġġ. 291 sa 301 tal-proċess

istess triq u li wkoll japplika għall-permessi għall-iżvilupp. Kien sar ftehim dwar il-ħlas taż-żewġ operazzjonijiet, iżda nqalgħu intoppi bejn l-attur u l-imħarrek u l-attur bagħat javża lill-imħarrek li ma kienx ser ikompli jaħdimlu. L-attur irid il-ħlas tax-xogħol tiegħu, meqjus skond it-Tariffa partikolari għal każi bħal tiegħu;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li dwar il-ħlas kien hemm ftehim u hu ħallas kulma kien dovut skond dak il-ftehim. Żied jgħid ukoll li dak li qed jippretendi l-attur huwa esaġerat;

"Illi l-fatti ewlenin li jsawru l-każ jibdew għall-ħabta ta' Lulju tal-1991, meta l-imħarrek mar ikellem lill-attur u talbu dwar ix-xogħol li kellu fi ħsiebu dwar post bin-numru 323[20], Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ. Wara li l-attur kien żar il-post f'Awwissu, f'dak l-istess xahar kien bagħat lill-imħarrek sensiela ta' pjanti dwar il-bini l-ġdid li kellu jittella' wara li jitwaqqa' l-post imsemmi[21], u f'Jannar tal-1992[22], l-attur bagħat lill-imħarrek l-istima ta' kemm kien maħsub li jiġi jiswa l-proġett jekk jinbena kollu. L-attur u l-imħarrek qablu li l-ħlas professjonali lill-attur għal dan il-proġett kellu jkun ta' erba' mitt Lira Maltija (Lm400). L-applikazzjoni għall-iżvilupp tas-sit tressqet fi Frar tal-1992, iżda ma ntlaqgħetx għaliex ma kienitx taqbel ma' restrizzjoni ta' għoli ta' bini f'dawk l-inħawi[23]. L-attur ħejja pjanti oħrajn li ntbagħtu f'Novembru tal-1992[24]. Permess għall-iżvilupp ta' dak is-sit inħareġ f'Jannar tal-1994[25], u ngħata l-avviż lill-Awtorita` li x-xogħol kellu jinbeda fis-6 ta' Jannar, 1995[26];

"Illi f'Diċembru tal-1993, l-imħarrek qabbad lill-attur biex jippjanalu proġett ta' żvilupp fil-fond bin-numru 337, Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ. Għal dan ix-xogħol, kien hemm ftehim li l-attur jitħallas dritt ta' mija u ħamsin Lira Maltija (Lm150). L-imħarrek qabel mal-proġett propost, wara li

---

[20] Fid-dokumentazzjoni mressqa, dan il-fond jissemma wkoll bħala numru 10, Triq il-Kbira
[21] Dokti. "RLF1" sa "RLF7", f'paġġ. 32-9 tal-proċess.
[22] Dok "RLF8", f'paġġ. 40-3 tal-proċess
[23] Dok "RLF12", f'paġ. 47 tal-proċess
[24] Dok "RLF16", f'paġ. 52 tal-proċess
[25] Dok "RLF18", f'paġġ. 54-5 tal-proċess
[26] Dok "RLF19", f'paġ. 59 tal-proċess

saret l-applikazzjoni mal-Awtorita` għall-ħruġ tal-permessi, ingħata l-permess għall-iżvilupp fit-13 ta' Lulju, 1994[27];

"Illi għal raġuni jew oħra, wara li nbeda x-xogħol fuq is-sit numru 323, l-imħarrek talab bdil fix-xejra tal-bini li kellu jittella', u minbarra dan, kellhom isiru xogħlijiet oħrajn ta' tisħiħ tal-bini minħabba s-sejba ta' bir u minħabba l-kundizzjoni tal-ħitan tal-appoġġ taż-żewġ fondi li jmissu mas-sit. L-attur baqa' jissorvelja x-xogħol li kien għaddej u kif mibdul, u kif ukoll iżomm kuntatt mal-Awtorita` dwar dak li kien propost li jsir. F'Lulju tal-1996[28], l-Awtorita` ħarġet Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq dwar ix-xogħol fuq is-sit. B'ittra datata 9 ta' Settembru, 1996[29], l-attur bagħat jgħarraf lill-imħarrek li ma kienx se' jibqa' jaħdimlu aktar u talbu jħallas ammont hemm imfisser. L-attur jgħid li b'kollox tħallas ħames mija u ħamsin Lira Maltin (Lm550)[30], għalkemm aktar tard[31] jidher li jistqarr li kien tħallas mitejn u disgħa u disgħin Lira (Lm299) oħra wara li kien bagħat kont ieħor f'Awwissu tal-1996[32], ftit jiem qabel ma kien temm l-inkarigu. Ġimgħa wara, l-attur talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-imħarrek. Il-kawża nfetħet fis-26 ta' Settembru, 1996;

"Illi dak li l-Qorti fadlilha tagħmel f'din il-kawża, għall-finijiet taż-żewġ talbiet attriċi hu li tillikwida l-kumpens dovut lill-attur. Għal dan il-għan, ħatret perit arkitett biex jgħarbel il-konteġġi li l-attur ressaq lill-imħarrek biex iħallashom, u kopji ta' liema konteġġi jinsabu fl-atti tal-kawża;

"Illi l-perit, wara li sab it-tariffi applikabbli għall-każ u wżahom skond il-kriterji mfissrin fis-sentenza in parte mogħtija fis-26 ta' Mejju, 2005, wasal għall-fehma li l-attur jistħoqqlu kumpens (magħmul minn onorarju jew dritt u kif ukoll rifużjoni ta' spejjeż) fl-ammont ta' Lm2421.89 fil-każ tal-fond numru tliet mija u tlieta u għoxrin (323), Triq il-Kbira, u fl-ammont ta' Lm368.84 fil-każ tal-proġett tal-post numru tliet mija u sebgħa u tletin (337) fl-istess triq. Ma'

---

[27] Dok "RLF28", f'paġġ. 84-5 tal-proċess
[28] Dok "RLF25", f'paġ. 81 tal-proċess
[29] Dok "RLF27", f'paġ. 83 tal-proċess
[30] Dokti "RLF30", "RLF36", "RLF39" u "RLF41", f'paġġ. 89, 107, 111 u 114 tal-proċess
[31] Par 02 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, f'paġ. 269 tal-proċess
[32] Dok f'paġ. 91 tal-proċess

dawn kellha tiżdied ir-rata xierqa ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Iżda l-attur deherlu li l-perit ġudizzjarju ma kienx ħadem sewwa l-konteġġi u ressaq xi mistoqsijiet tekniċi biex jitlob kjarifika;

"Illi l-Qorti qieset it-tweġibiet mogħtija mill-perit tekniku, li, f'xi każijiet, għaraf li fil-fatt l-attur kellu raġun f'xi wħud mid-diffikultajiet tiegħu. Wara li qabblet il-konklużjonijiet milħuqa fir-Relazzjoni mat-tweġibiet li huwa ta fl-eskussjoni, joħroġ li dwar l-ewwel fond (jiġifieri n-numru 323) il-kumpens jitla' għal Lm2,601.89[33], filwaqt li rigward il-post l-ieħor (jiġifieri n-numru 337) il-kumpens jitla' għal Lm368.84[34], li b'kollox itellgħu s-somma ta' Lm2,970.73[35]. Minn dan l-ammont għandha tiżdied it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Peress li minn dakinhar li ngħataw is-servizzi professjonali mill-attur sal-lum ir-rata m'għadhiex l-istess, il-Qorti jidhrilha li r-rata ta' VAT applikabbli għandha tkun ir-rata li kienet fis-seħħ meta ngħataw is-servizzi, u dan kif jipprovdi l-Paragrafu 2 tar-Raba' Skeda tal-Att XXIII tal-1998 (Kap. 406), jiġifieri r-rata tal-ħmistax fil-mija (15%). Dan iġib li l-ammont sħiħ ta' kumpens dovut lill-attur jitla' għal sebat elef, disa' mija u sebgħa u ħamsin Euro u tlieta u disgħin (Euro) ċenteżmi (€7,957.93). Minn dan l-ammont irid jitnaqqas dak li l-imħarrek ħallas akkont. Bħala somma mistqarra mill-attur hu rċieva ħlasijiet fl-ammont ta' Lm550[36], u għalhekk jibqa' li huwa għandu jitħallas is-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u sebgħin Euro u sebgħa u sebgħin (Euro) ċenteżmi (€6,676.77) bħala likwidazzjoni finali;"

**5.** Minn dawn is-sentenzi u cioe` dik tas-26 ta' Mejju, 2005 kif ukoll mis-sentenza finali tas-7 ta' Frar, 2008 appella in linea principali l-konvenut fejn talab ir-revoka taz-zewg sentenzi prevja l-akkoljiment tal-eccezzjonijiet tieghu u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat. Appella wkoll l-attur izda dan limitatament ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* tad-drittijiet professjonali dovuti lilu u dan b'referenza ghad-drittijiet dovuti fir-

---

[33] € 6,060.77
[34] € 859.17
[35] € 6,919.94
[36] € 1,281.16

rigward tas-sular addizzjonali tal-bini progettat ghas-sit 323, Main Street, Zebbug.

**Ikkunsidrat:**

**6.** Il-fatti tal-kaz huma ben riportati fis-sentenzi appellati u ghalhekk, a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti qeghda taghmel referenza ghall-istess kif hawn fuq riportati. Jinghad biss li l-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti, li tikkoncerna drittijiet professjonali reklamati mill-atturi in konnessjoni ma' inkarigu li huwa kien inghata mill-konvenut, hija marbuta mal-fatt li bejn il-kontendenti kien intlahaq ftehim dwar x'kellu jithallas l-attur ghas-servizzi professjonali tieghu fir-rigward taz-zewg progetti li ried jaghmel il-konvenut. Mhux qed jigi kontestat mill-attur li kien hemm tali ftehim fis-sens li ghal wiehed mill-progetti huwa kellu jithallas is-somma komplessiva ta' Lm400 mentri ghat-tieni progett il-hlas miftiehem kien ta' Lm150. B'dan kollu l-attur isostni li dan il-ftehim ma ghadux vinkolanti u dan billi huwa abbanduna l-inkarigu tieghu u li konsegwentement ghandu japplika l-paragrafu 11 tat-Tariffa K formanti parti mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Da parti tieghu l-konvenut jinsisti fuq ir-rabta li kien hemm bejnu u l-attur dwar drittijiet professjonali u li huwa hallas l-ammont miftiehem. Il-konvenut zied jghid li fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat mill-attur huwa eccessiv.

**7.** Kif gia` rajna l-ewwel Qorti, filwaqt li waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut ma kienitx valida, ghaddiet biex tillikwida d-drittijiet spettanti lill-attur a tenur tal-paragrafu hawn fuq imsemmi tat-Tariffa K kif ahjar spjegat fir-rapport tal-espert tekniku minnha nkarigat.

**8.** In sostenn tal-appell tieghu l-konvenut ressaq in sostanza tliet aggravji u cioe`:-

a) Li l-ewwel Qorti naqset li tenforza l-ftehim ta' bejn il-partijiet dwar il-kumpens dovut lill-attur.

b) Li l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra l-bosta nuqqasijiet tal-attur fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilu moghti.

c) Hemm kontradizzjoni fis-sentenza f'dak li jikkoncerna l-komputazzjoni tad-drittijiet tal-attur billi, filwaqt li l-istess Qorti qalet li dan il-kumpens ghandu jkun skond il-ftehim, ghax-xoghol ezegwit, u skond it-tariffa K ghax-xoghol mhux ezegwit, l-istess Qorti ghaddiet biex illikiwdat d-drittijiet tal-attur a bazi tat-Tariffa K. Inoltre l-konvenut jirrileva li l-ammont ta' Lm550 mnaqqas mill-ammont finali huwa zbaljat billi l-attur kien thallas ammont akbar.

**Ikkunsidrat:**

**9.** Il-konvenut appellant jinsisti li l-Qorti ghandha tenforza l-ftehim li kien intlahaq bejn il-kontendenti dwar drittijiet professjonali u konsegwentement ma tapplikax it-Tariffa K imsemmija. Huwa jsostni li dan kellu jsir a tenur tal-principju *pacta sunt servanda* billi wkoll parti wahda ma tistax, min jgheddha, tbiddel dak il-ftehim a pregudizzju tal-parti l-ohra.

**10.** Il-paragrafu 11 tat-Tariffa K jitkellem dwar drittijiet "*meta l-perit jabbanduna lill-Klient jew jigi abbandunat mill-Klient jew ix-xogholijiet jibqghu mhux maghmula.*" F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"il-qari li jrid jingħata lill-kliem tal-imsemmi Paragrafu jwassal lill-Qorti għall-fehma li r-raġuni għaliex perit arkitett jagħżel li ma jibqax jaħdem aktar għall-klijent tiegħu ma tagħmel l-ebda bidla fuq id-dritt li jkun jista' jitlob. Fi kliem ieħor, ma jidhirx li wieħed jista' jdur għall-kriterju ta' xi "raġuni tajba u suffiċjenti" wara l-għażla tal-abbandun: u dan jgħodd kemm fir-rigward ta' abbandun mill-klijent u kif ukoll mill-perit innifsu. Jidher li dak il-Paragrafu jagħmel differenza biss fir-rigward tal-istat li jkun wasal fih ix-xogħol meta r-rabta professjonali tintemm. Fil-każ preżenti, il-Qorti tinnota li r-relazzjoni bejn l-attur u l-imħarrek ħadet xejra negattiva li, kulma jmur, bdiet tiżloq għall-agħar. Kull naħa tattribwixxi l-ħtija

lin-naħa l-oħra. Madankollu, għall-finijiet ta' dan l-eżerċizzju, ma jidhirx li l-Qorti għandha għalfejn tidħol f'din il-kwistjoni. Li huwa ċar hu li, kemm l-imħarrek u kif l-attur waslu f'qagħda li jagħrfu li r-rabta professjonali (fiduċjarja) ta' bejniethom ma kellhiex futur. Kemm hu hekk, l-attur jisħaq li huwa telaq mill-inkarigu (jiġifieri, ma ġiex "imkeċċi"), filwaqt lil-imħarrek ipprova wkoll jikseb mingħand l-attur ir-rilaxx biex isib perit ieħor;"

**11.** Din il-konsiderazzjoni tal-Qorti, filwaqt li tirrifletti r-rigidita` tal-provvedimenti tal-paragrafu 11 tat-Tariffa K, tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-aspett tal-ftehim li kien intlahaq bejn il-kontendenti dwar il-kumpens dovut lill-attur ghas-servizzi tieghu. Dan qed jinghad billi l-ewwel Qorti, ghalkemm tghid li dan il-paragrafu jiddetermina dak li hu dovut f'kaz ta' abbandun minghajr il-htiega li tigi investigata r-raguni l-ghala dan sar, l-istess Qorti jidher li, b'rispett ghal dak li qed isostni l-konvenut dwar ftehim, hasset li kien hemm ragunijiet validi l-ghala dan il-ftehim ma kienx ghadu vinkolanti. Ezaminati l-atti, din il-Qorti taqbel li kien hemm ragunijiet validi l-ghala r-rabta professjonali waslet biex intemmet u dan kif jghid l-istess attur, billi l-inkarigu li kien mistenni jespleta ma kienx dak li kien miftiehem originarjament bil-konsiderazzjoni ta' xoghol u kumpens miftehma. Dan apparti l-fatt li jidher li bejn il-kontendenti kien intlahaq arrangament fejn il-ftehim originali gie mwarrab minhabba tibdil fil-progett u anke sar pagament akkont in eccess tas-somma ta' Lm550 mifthema originarjament.

**12.** Tenut kont tal-provi kollha prodotti, din il-Qorti taqbel ma' l-apprezzament tal-ewwel Qorti fejn irriteniet li l-ftehim gie terminat u li konsegwentement l-attur kien intitolat jithallas kumpens a tenur tat-Tariffa K tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat ulterjorment :**

**13.** Fit-tieni aggravju tieghu l-konvenut jsostni li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra l-bosta nuqqasijiet tal-attur fl-espletazzjoni tal-inkarigu tieghu. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti tosserva li qatt ma nghatat eccezzjoni f'dan is-sens

u konsegwentement, anke kif sewwa osserva l-appellat Perit Laferla fir-risposta tieghu, tali aggravju ma jistax jigi kunsidrat f'dan l-istadju tal-kawza. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

**14.** L-ahhar aggravju tal-konvenut appellant jista' jinqasam fit-tliet partijiet u cioe`:

a) il-kontradizzjoni apparenti, skond l-appellant, meta l-ewwel Qorti fil-pagna 8 tas-sentenza tas-26 ta' Mejju, 2005 qalet hekk:

*"Illi huwa stabbilit li waqt li l-kriterji tal-imsemmija Tariffa (K) jghoddu ghal dak ix-xoghol mitlub li ma jkunx lahaq sar, fil-kaz tax-xoghol li twettaq qabel intemmet ir-rabta professjonali jibqghu japplikaw ir-rati miftehma mal-klient."* Mentri in konkluzjoni ghaddiet biex illikwidat d-drittijiet kollha tal-attur a bazi tal-istess Tariffa K.

b) li, fi kwalunkwe kaz, l-ammont mnaqqas bhala mhallas mit-total dovut lill-attur kien skorrett, u

c) li l-istess attur, fil-kont mibghut ftit zmien qabel ma abbanduna l-inkarigu, kien ferma anqas minn dak pretiz fl-ittra tieghu tad-9 ta' Settembru, 1996.

**15.** Dwar l-ewwel punt din il-Qorti tosserva li ma hemm ebda kontradizzjoni apparent kif qed jigi allegat mill-konvenut. Infatti dak li l-ewwel Qorti qalet u kif hawn fuq citat, aktar l-isfel fl-istess sentenza gie spjegat meta interpretat il-paragrafu 11 tat-Tariffa K tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-kuntest tan-nullita` tal-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet meta nghata l-inkarigu. Jigi rilevat li s-servizzi li l-attur kien mistenni li jirrendi versu l-kumpens miftiehem kienu ferm boghod minn dak li, matul l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet il-konvenut kien qed jistenna minghandu. Infatti jirrizulta li waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet il-konvenut biddel il-hsieb tieghu dwar dak li kellu jsir u progettat originarjament, kemm fir-rigward tal-

garaxxijiet ta' taht il-livell tat-triq, kemm fir-rigward ta' garaxx fil-pjan terren li gie mibdul f'post tal-abitazzjoni, ix-xoghol involut minhabba s-sejba ta' bir, kif ukoll fin-natura ta' servizz li kien mistenni mill-istess attur. Kien ghalhekk li, kif osservat l-ewwel Qorti, ir-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti marru ghall-aghar, u kien ghalhekk, kwindi, li l-attur ittermina l-inkarigu tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi dak li kien miftiehem originarjament qatt ma seta' jkollu rabta ghal partijiet, u kien f'din ir-retroxena li l-ewwel Qorti ghaddiet biex cahdet l-ewwel eccezzjoni u llikwidat il-kumpens dovut lill-attur a tenur tat-Tariffa K imsemmija. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**16.** L-ilment tal-konvenut dwar l-ammont eventwalment ridott mis-somma globali likwidata a favur tal-attur fis-somma ta' Lm550 ma jidhirx gustifikat. Infatti mill-affidavit tal-attur a fol. 28 tal-process (para 25) jirrizulta li l-attur thallas is-somma komplessiva ta' Lm550 f'erba' pagamenti. Dawn gew sostanzjati bl-ircevuti Dok RFL 41, RLF 36, RLF 39 u RLF 30 u bl-ebda mod kontestati mill-konvenut. Inoltre jigi rilevat li fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu ghalkemm il-konvenut jinsisti li hu hallas dak li kien miftiehem, qatt ma accenna li huwa hallas in eccess ta' dak miftiehem. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**17.** Fl-ahhar nett il-konvenut appellant josserva li hemm diskrepanza bejn is-somma ta' Lm726.70,5 indikat mill-attur bhala ammont dovut ftit granet qabel ma huwa ttermina l-inkarigu u l-ammont ta' Lm3,252.65 indikat fl-ittra tad-9 ta' Settembru, 1996 meta l-istess attur abbanduna l-inkarigu. Biss din il-Qorti taqbel ma' dak li gie sottomess mill-attur fir-rigward u cioe` li l-ewwel kont kien jirrifletti l-bilanc ta' drittijiet fuq dak li kien gia` gie ezegwit mentri l-kont tad-9 ta' Settembru 1996 kien jirrispekkja dak li kien dovut lilu in konsegwenza tal-abbandun tal-inkarigu u bazat fuq it-Tariffa K. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

**18.** L-attur appellat ressaq appell incidentali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* tad-drittijiet professjonali dovuti lilu billi jsostni li huwa dovut kumpens

fir-rigward tas-sular addizzjonali tal-bini progettat ghas-sit 323, Main Street, Zebbug.

**19.** F’dan ir-rigward fir-rapport tieghu l-Perit David Pace a fol. 8 (Para 16 fol. 309 tergo) kiteb hekk:

“L-esponent jirrileva illi l-attur fis-sottomissjonijiet tieghu maghmula a fol. 268 tal-process naqqas il-valur tax-xoghlijiet ta’ sular tal-progett minhabba l-fatt illi dan gie rifjutat mill-Awtorita` tal-Ippjanar.” Kompla hekk: “L-esponent jirrileva illi waqt illi huwa minnu illi l-attur hejja d-dizinji originali b’sular zejjed fil-mument illi beda jinhadem il-progett il-blokk kien ser ikollu sular nieqes, allura l-valur illi wiehed kien ser jippretendi illi ser jilhaq ix-xoghol kien il-valur ridott u cioe` ta’ wiehed u erbghin elf, tmien mija, erbgha u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm41,894.50,0) u mhux dak illi kien gie stamt qabel.”

**20.** L-attur kien oggezzjona ghal din il-konkluzjoni ghalkemm bazata fuq stqarrija tieghu stess maghmula fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-1 ta’ Dicembru, 2003 fejn filwaqt li ghamel referenza ghall-kont a fol. 15 zied jghid li “*pero` a bazi ta’ dak li johrog mid-Dokument ezebit mill-attur (Dok RL tas-6 ta’ Lulju 1998) li huwa jhoss li ghandu jkun hemm tnaqqis min din il-figura (minhabba li l-Planning Authority – llum il-MEPA – naqqas wiehed mis-sulari tal-post il-kbir fil-hrug tal-permessi), ta’ L.238.93, ossia d-differenza ta’* $^{1}/_{3}$ *of 6% fuq kemm iqum il-bini ta’ tali sular...*”.

**21.** L-attur kien oggezzjona ghal din il-konkluzjoni tal-espert tekniku izda meta staqsa lill-istess espert jekk l-ammont akkordat ghandux jizdied dan indikalu dak li inghad fil-paragrafu fuq citat tar-rapport tieghu u ddikjara li ma jhossx li ghandu jbiddel xejn mir-rapport tieghu.

**22.** Din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-espert tekniku mhux biss minhabba l-fatt li kien l-istess attur li naqqas l-ammont indikat izda, u ta’ aktar rilevanza, billi l-attur bhala espert in materja kien jaf, jew kien messu jaf, qabel ma beda jaghmel id-disinji ta’ dan is-sular li qatt ma seta’ johrog permess ghal dan is-sular addizzjonali.

Konsegwentement l-istess attur ma ghandux jibbenefika minn zball tieghu stess.

**Decide:**

**23.** Ghar-ragunijiet fuq moghtija kemm l-appell principali tal-konvenut kif ukoll dak incidentali tal-attur qed jigu michuda u s-sentenza qed tigi konfermata fit-totalita` taghha; kull parti tbati l-ispejjez tal-appell interpost minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------